# MINUTI

## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali L-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 51

It-Tlieta 14 ta' Marzu, 2017

Il-Kunsill Lokali L-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 51.1 Rapport tal-Bord tal-għażla għal post ta' Segretarju Eżekuttiv

**51.1.01** Is-Segretarja ippreżentat ir-rapport tal-bord tal-għażla lill-Kunsill. Kien hemm ħdax il-applikant. Minn dawn l-applikanti kien hemm waħda ineligibli peress li ma kienitx fil-lista tal-pool tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi. Il-Bord iddeċieda li jsiru l-intervisti nhar is-Sibt 4 ta' Marzu għall-applikanti li kienu validi (li kienu 10). Intbagħtet ittra reġistrata biex jinformaw lill-applikanti bid-data u ħin tal-intervista. Inbagħtet ukoll email.

Waħda mill-applikanti naqset li tattendi għall-intervista. B'hekk kien hemm total ta' disa' applikanti. Wara li spiċċaw l-intervisti l-bord ikkalkula l-punti u ħareġ li l-applikant numru tlieta (3) kellu l-aktar persentaġġ ta'punti. L-applikant numru tlieta hija Rita Mifsud Attard. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla hija li post ta' Segretarju Ezekuttiv jingħata lis-Sinjura Rita Mifsud Attard.

**51.1.02** Is-Sindku resaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Emanuel Mintoff.

Nipproponi li l-Kunsill Lokali l-Għasri għandu:-

i. Jinnota r-riżultat tal-interviews li saru nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017 mill-Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv magħmul minn ħames membri kif approvat mill-Kunsill Lokali L-Għasri.
ii. Jaċċetta r-rakkomandazzjoni ta' dan il-Bord skond l-istess riżultat u għaldaqstant
iii. Jaħtar lil Mrs Rita Mifsud Attard, ID No 281897M u residenti St. Peter & St. Paul Crt, Triq Piju Cellini, in-Nadur, NDR 1250, Għawdex, bħala Segretarju Eżekuttiv tal-istess Kunsill Lokali l-Għasri u jikkomunika din id-deċiżjoni b'mod immedjat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 51.2 Konkluzzjoni

**51.2.01** Peress li dawn il-Minuti iridu jintbagħtu fi żmien jumejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit ħin biex jemenda l-Minuti skont id-diskussjoni li saret issa. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha tiġi sospiża għal ftit ħin biex jiġu emendati l-Minuti.

**51.2.02** Il-laqgħa tkompliet u Deputat Segretarju Eżekuttiv qara dawn il-Minuti kif emendati u ġew approvati unanimament. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku iffirmaw il-Mintui illum stess.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' Marzu, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |